



Kumitat għall-Baġits

2015/2319(INI)

27.4.2016

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-Kontroll tar-Reġistru u l-kompożizzjoni tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni
(2015/2319(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Helga Trüpel

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-Kumitat għall-Baġits, fid-dawl tan-nuqqas ta' trasparenza u l-iżbilanċ fil-kompożizzjoni ta' ċertu għadd ta' gruppi ta' esperti, u fid-dawl tal-ħtieġa li jiżgura li l-kompożizzjoni tal-gruppi ta' esperti tikseb il-bilanċ ġust f'termini ta' kompetenza u ta' opinjonijiet rappreżentati, adotta riżervi baġitarji fl-2011 u l-2014 u fformula talbiet għar-riforma tagħhom;
 - B. billi studju riċenti li kkummissjona¹ wassal għall-identifikazzjoni ta' nuqqas ta' trasparenza mifrux kif ukoll żbilanċ fil-kompożizzjoni ta' ċertu għadd ta' gruppi ta' esperti;
 - C. billi l-Ombudsman Ewropew ressqet rakkomandazzjonijiet li fihom enfasizzat il-ħtieġa għal trasparenza akbar tal-gruppi ta' esperti²;
 - D. billi l-kompożizzjoni bilanċjata u t-trasparenza huma prekondizzjonijiet essenzjali biex l-għarfien espert jirrifletti b'mod adegwat il-ħtiġijiet għal azzjoni regolatorja u biex tittrawwem il-leġittimità ta' din il-kompetenza u ta' din l-azzjoni regolatorja f'għajnejn iċ-ċittadini Ewropej;
 - E. billi jilqa', bħala pass inizjali, l-inizjattiva meħuda mill-Kummissjoni dwar ir-riforma imminenti tal-gruppi ta' esperti;
1. Jenfasizza li, minkejja l-progress li rriżulta mir-riżerva baġitarja tal-2011, il-Kummissjoni s'issa naqset milli tbiddel ir-regoli orizzontali għall-gruppi ta' esperti u l-prattiki tagħhom b'mod li jissodisfa t-talbiet tal-Parlament għat-trasparenza, u li l-għadd ta' gruppi ta' esperti li fihom hemm żbilanċ baqa' fil-biċċa l-kbira l-istess matul l-2013 (attwalment 9 % tal-gruppi ta' esperti kollha);
 2. Jirrimarka, f'dan il-kuntest, u fir-rigward tal-paragrafi 34-45 tal-opinjoni tal-Ombudsman imsemmija hawn fuq, li, għalkemm il-Kummissjoni għadha ma ddefiniex formalment il-kunċett tagħha ta' "bilanċ", dan tal-aħħar m'għandux jinftiehem bħala r-riżultat ta' eżerċizzju aritmetiku, iżda pjuttost bħala r-riżultat tal-isforzi biex jiġi żgurat li l-membri ta' grupp ta' esperti, flimkien, ikollhom il-kompetenza teknika u l-varjetà ta' perspettivi meħtieġa biex iwettqu l-mandat tal-grupp ta' esperti kkonċernat; jikkunsidra li l-kunċett ta' bilanċ għandu, għalhekk, jinftiehem f'relazzjoni mal-mandat speċifiku ta' kull grupp ta' esperti individwali; jikkunsidra li l-kriterji li jiddeterminaw jekk grupp ta' esperti huwiex bilanċjat jew le għandhom jinkludu l-kompiti tal-grupp, il-kompetenza teknika meħtieġa, il-partijiet interessati li probabbli l-aktar li jkunu milquta mill-kwistjoni, l-organizzazzjoni ta' gruppi ta' partijiet interessati, u l-proporzjon adegwat ta' interessi ekonomiċi u mhux ekonomiċi;
 3. Jissottolinja li l-fiduċja taċ-ċittadini Ewropej fl-UE qed tbaġhti minħabba nuqqas ta'

¹ Dipartiment Tematiku D Affarjiet Baġitarji, Kompożizzjoni tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni u l-istatus tar-reġistru tal-gruppi ta' esperti, 2015.

² Ombudsman Ewropew, Rakkomandazzjoni tal-Ombudsman Ewropew fl-inkjesta strateġika tagħha OI/6/2014/NF dwar il-kompożizzjoni tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni, 29.1.2016.

trasparenza u minħabba d-dipendenza żejda fuq l-atturi ekonomiċi fit-tfassil tal-liġijiet tal-UE, u għaldaqstant jissottolinja li r-riforma effettiva tas-sistema tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni se twassal biex l-UE ssir iżjed leġittima;

4. Jilqa' l-avviż pubbliku tal-Kummissjoni li l-qafas rivedut għall-gruppi ta' esperti se jinkorpora għadd ta' suġġerimenti tal-Parlament u tal-Ombudsman, bħall-obbligu ta' sejħiet għal applikazzjonijiet miftuħa, titjib tar-reġistru, reġistrazzjoni mandatorja fir-Reġistru għat-Trasparenza għal rappreżentanti ta' partijiet interessati, definizzjoni għal kull grupp ta' esperti tal-profilu meħtieġa biex tiġi żgurata kompożizzjoni bilanċjata, kif ukoll dikjarazzjonijiet mandatorji dwar il-kunflitti ta' interess, li se jiddaħħlu fir-reġistru;
5. Ihegġegħ lill-Kummissjoni, barra minn hekk, biex timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman dwar it-trasparenza, speċifikament li l-aġendi, id-dokumenti ta' sfond u l-minuti tal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti għandhom jiġu ppubblikati, u li l-minuti ppubblikati għandhom ikunu kemm jista' jkun sinifikanti u jstabbilixxu l-pożizzjonijiet espressi mill-membri;
6. Ihegġegħ lill-Kummissjoni ssegwi l-aħjar prattiki u tibni fuq l-eżempji pożittivi eżistenti, biex tiżgura implimentazzjoni sistematika ta' regoli orizzontali mtejba, inkluż mekkaniżmu ta' sorveljanza adegwat għad-direttorati ġenerali kollha sabiex tiġi żgurata prassi koerenti;
7. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora, f'kollaborazzjoni mal-leġiżlatur u mas-soċjetà ċivili, modi biex tiffaċilita u ttegħegħ il-parteċipazzjoni ta' gruppi mhux rappreżentati biżżejjed, bħas-soċjetà ċivili u t-trejdunjins, fil-gruppi ta' esperti, biex tindirizza l-asimetriji ta' informazzjoni eżistenti, u biex tivvaluta l-iżvilupp ta' sistema ta' allowances li għandha tagħti sostenn lil dawk il-gruppi biex jiksbu l-kompetenzi meħtieġa għal parteċipazzjoni totalment effikaċi fil-gruppi ta' esperti;
8. Jissottolinja li se jivvaluta b'mod kritiku l-isforzi ta' riforma fl-okkażjoni tal-votazzjoni tiegħu dwar il-baġit annwali 2017 u jenfasizza d-determinazzjoni tiegħu li jintroduċi riżerva jekk iqis li t-talbiet tiegħu ma jkunux qegħdin jintlaħqu b'mod sodisfaċenti;
9. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tiżgura l-konsultazzjoni sħiħa ta' dawk il-gruppi li bħalissa mhumiex rappreżentati biżżejjed meta tressaq proposti għar-riforma tal-gruppi ta' esperti.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	26.4.2016
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 30 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Nedzhmi Ali, Jean Arthuis, Jean-Paul Denanot, Gérard Deprez, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Bernd Kölmel, Zbigniew Kuźmiuk, Vladimír Maňka, Ernest Maragall, Sophie Montel, Clare Moody, Siegfried Mureşan, Liadh Ní Riada, Jan Olbrycht, Younous Omarjee, Paul Rübig, Petri Sarvamaa, Patricija Šulin, Inese Vaidere, Monika Vana, Daniele Viotti
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Andrey Novakov, Helga Trüpel, Derek Vaughan, Anders Primdahl Vistisen, Tomáš Zdechovský
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Isabella Adinolfi, Jens Gieseke